**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU DISGĦA U GĦOXRIN**
**26ta' LULJU, 2017**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, is-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **29.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 29.1.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia kienet ser tittardja u l-Kunsillier Joseph D'Amato jinsab imsiefer Dok 1,2 mehmużin. |
| | | |
| | | |
| **29.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 29.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tat-tminja u għoxrin –il seduta. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***29.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA U TAL-MINUTI TAL-KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGH*** |
| | | |
| | | |
| 29.3.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 37. |
| | | |
| 29.3.2 | | Ġew approvati l-minuti  tal-Kunsill Lokali żgħażagħ, numru 29. |
| | | |
| | | |
| ***29.4*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR/GAL XLOKK*** |
| | | |
| 29.4.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jiġu approvati. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***29.5*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 29.5.1 | | Is-Sindku qal li hemm bżonn li jsir bank fi Pjazza San Ġorġ fejn hemm in-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu.  Kien hemm qbil li jiġi ordnat.<br><br>F'dan il-ħin il-Kunsillier Jean Pierre Attard daħal għas-seduta (ħin 18:30) |
| | | |
| 29.5.2 | | Is-Sindku qal li wara li ra r-rapport li sar mingħand il-contract manager fuq xogħol tal-ġonna u soft area u wara diversi laqgħat li kemm il-Kunsillier David Abdilla u hu bħala Sindku kellu mal-kuntrattur Callus Landscaping, ix-xogħol mitlub qatt ma sar.<br>Kien hemm qbil unanimu li tinħareġ l-ewwel default notice. |
| | | |
| 29.5.2 | | Is-Segretarju Eekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa li saret bejn is-Sindku u s-Segretarju Eekuttiv tal-Kunsill Lokali Ħal Safi u s-Sindku, l-Kunsillier Joseph D'Amato u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq. Dok 1 mehmuż.<br>Kien hemm qbil ma dan kollu, u li l-Kunsill għandu jikkuntatja lill-Kunsill Lokali Ħal Safi u jikkomunika miegħu li kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li l-Kunsill għandu jibqa għaddej bil-proċeduri, kif kien ippjanat. |
| | | |
| 29.5.3 | | Is-Segretarju Eekuttiv ressqet talba biex quddiem l-armerija jsiru bollards biex jipproteġu t-taraġ tas-sit.<br><br>Ma kienx hemm qbil ma din il-proposta.<br><br>Kien hemm qbil ukoll li jittieħdu ritratti tax-xogħol li qed isir fit-taraġ tal-armerija u jintbagħtu lill-kunsilliera kollha. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 29.5.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet petizzjoni minn residenti ta' Sqaq numru 1, fi Triq il-Kbira. Dawn qed jitolbu li ssir bollard tissakkar u li jkollhom iċ-ċavetta tagħha r-residenti tal-isqaq biss.<br><br>Il-Kunsill ħa deċiżjoni li fl-ebda sqaq ma issir bollard. |
| | | |
| 29.5.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet stima ta' tindif fiż-żona tal-ex DeaucheWelle. Hi kienet talbet lill-Cleansing Department biex jagħmel dan ix-xogħol imma baqgħet mingħajr risposta.<br>Kien hemm qbil li jsir tali xogħol mill-Kunsill.<br><br>Kien hemm qbil ukoll li jiġi ordnat il-qtugħ ta' ħaxix minn Triq l-Imqabba sa' Hal Millieri u t-triq minn fejn l-iscouts saċ-ċimiterju. |
| | | |
| 29.5.7 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsilli Lokali għandhom talba ta' għajnuna mill-Malta Parkinson's Organisation biex jitqassam fuljett u materjal ieħor. It-tqassim ser ikun jiswa 100Euro. Ma kienx hemm qbil li l-Kunsill jgħati donazzjonijiet. |
| | | |
| 29.5.8 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-impjegata Sharon Mifsud ser tagħlaq sitt xhur probation. Hi qalet li sabet lis-Sinjorina Sharon Mifsud tajba f'xogħlha u ttitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex japprova l-kuntratt għal impjieg indefinit. |
| | | |
| 29.5.9 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' residenta biex fi Triq Madre Theresa Nuzzo issir barrier biex il-vetturi ma jipparkjawx eżatt mal-bankina, għax qed inaqqsu l-aċċess tal-bankina.<br>Kien hemm qbil li titneħħa l-*parking bay* u issir waħda żgħira ta' mutur, biex tnaqqas l-ostakolu. |
| | | |
| 29.5.10 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-quarterly report għat-tieni kwart tas-sena, mħejji mill-accountant tal-Kunsill u minnha. **Dok 2 mehmuż.**<br>Ir-rapport ġie approvat biex jintgħat lid-Dipartiment. |
| | | |
| 29.5.11 | | Is-Sindku qal li ġie mistieden miż-Żurrieq Wolves biex jitla mat-tfal li ser ikollhom *tournament* tal-*football* fi Sqallija. Kien hemm qbil li s-Sindku jtella żewġ souviniers taż-Żurrieq miegħu. |
| | | |
| 29.5.12 | | Is-Sindku qal li hemm bżonn li terġa ssir il-mera fi Triq il-Qrendi u din id-darba tkun tal-aħħar għax qed ikissruha. |
| | | |
| ***29.6*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 29.6.1 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li fir-rigward tal-ġemellaġġ ma' Pedara u l-mawra li maħsuba li ssir fil-bidu ta' Settembru, l-lukanda li kienet ibbukjata għalqet u qed ifittxu lukanda oħra li tista takkomoda lil kulħadd |

| | | |
|---|---|---|
| | | bl-istess kundizzjonijiet. |
| | | |
| 29.6.2 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li fil-jum tal-għoti tad-demm li sar fiż-Żurrieq, kienu 34 persuni li attendew u taw id-donazzjoni.<br><br>Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li hemm bżonn li jinqata' l-ħaxix madwar iċ-ċimiterju ta' Bubaqra u l-akwata. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 29.6.3 | | Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li kellu laqgħa għand l-Awtorita' tal-Ippjanar fejn ġie diskuss ir-rationalisation area f'Bubaqra. Din il-parti tikkonċerna akwata li tibda minn Triq l-Arċipriet E Mifsud u tibqa sejra sa Triq San Iljun. Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li waqt din il-laqgħa ħarġu dawn il-punti: l-imtali mhux ser jintmessu; il-bini ser ikunu ta' mhux aktar minn żewġ sulari u kamra fuq il-bejt; u ser ikun hemm open space.<br>Hu ssuġġerixxa li rappreżentanza tal-Kunsill tiltaqa' mal-Perit Anton Zammit li qed jaħdem fuq din l-akwata. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 28.6.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fit-3 ta' Lulju fuq ġurnal lokali kien hemm komunikat mill-Awtorita' tal-Ippjanar fejn issemmew diversi postijiet li jaqgħu taħt 'Public Domain'. Hu qal li bħala Kunsill Lokali għandu jinsisti li jkun hemm aċċess għal Wied Babu.<br><br>Is-Sindku qal li aċċess hemm, għax hemm taraġ tal-ħadid fi Triq tal-Wied. F'dan il-punt il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill għandu jinsisti mal-Gvern biex dan l-aċċess jibqa eżistenti. Hu żied jgħid li jekk ikun hemm il-bżonn il-Kunsill jikkomunika ukoll mal-NGO Flimkien għall-Ambjent ahjar. |
| | | |
| 28.6.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk il-Kunsill kienx jaf biż-żjara tas-Sindku u membri mill-Kunsill ta' Borgo Maggiore fiż-Żurrieq waqt il-festa tal-Madonna tal-Karmnu.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv.<br>Kulħadd qabel li l-Kunsill għandu jikteb lill-Borgo Maggiore biex jinfurmhom li kien ikun aħjar li l-Kunsill ikun jaf bi żjara oħra, ħalli jkun jista jospithom, kif xieraq.<br><br>F'dan il-punt daħlet il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia (ħin 19:05). |
| | | |
| 28.6.6 | | Il-Kunsillier Jean Pierre Attard staqsa jekk wara li l-Kunsill kellu laqgħa mal-Onorevoli Deborah Schembri, kienx hemm xi żviluppi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv.<br>Kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-Onorevoli Chris Agius li preżentament hu ngarigat mill-istess ministeru.<br><br>F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Kenneth Farrugia (ħin 19:17) |
| | | |
| 28.6.7 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk il-Kunsill isib oġġezzjoni jekk iż-Żurrieq FC jerġgħu jorganizzaw il-car wash day fit-12 ta' Awwissu quddiem l-iskola primarja. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jsibx |

| | | |
|---|---|---|
| | | oġġezzjoni. |
| | | |
| ***29.7*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 29.7.1 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia talbet li jsiru linji sofor mal-garaxxijiet fi Triq Napuljun. Kien hemm qbil li jsiru. |
| | | |
| 29.7.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia talab biex ikun hawn iżjed bins fil-festa ta' Santa Katarina VM minħabba l-ammont ta' skart li kien hawn fil-festa preċedenti. |
| | | |
| **29.8.1** | | ***Triq Gorg Sammut*** |
| | | |
| 29.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba biex il-Kunsill inaddaf art tul Triq Gorg Sammut. Hi ġibdet l-attenzjoni li f'leġislatura preċedenti, meta l-Kunsill kien ħawwel is-siġar taż-żebbuġ, kellu ilment minn sid l-art li ma ħallix lill-Kunsill isaqqi tali siġar.<br><br>Kien hemm qbil li s-Sindku jiltaqgħa mar-residenti nhar it-Tnejn li ġej u jiddiskuti x'hemm bżonn. |
| | | |
| | | |
| ***29.9*** | | ***Korsijiet f'Dar Mattia Preti*** |
| | | |
| 29.9.1 | | Is-Sindku qal li waqt laqgħa li s-Sur Ray Abela tal-kumpanija TCTC kellu f'Ħal Safi waqt l-inawgurazzjoni ta' kors tar-Robotica, kemm -il darba semmha lill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq. Is-Sur Ray Abela qal li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq ma kellux interess fl-edukazzjoni tar-residenti tiegħu u ma ridx joffri korsijiet ta' tagħlim lir-residenti. Dan il-kliem ġie mwassal lilu minn persuni differti li attendew għal din il-laqgħa.<br>F'dan il-punt is-Sindku qal li ma jħossx li tali kumpanija għandha tibqa, tagħmel pussess mill-propjeta tal-Kunsill (Dar Mattia Preti) u talab biex TCTC tieħu l-komputers li għandha f'Dar Mattia Preti. Is-Sindku qal li TCTC mhix l-uniku kumpanija li toffri korsijiet ta' edukazzjoni.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħti ġimgħa żmien lill-Kumpanija TCTC biex tneħħi l-komputers li hemm f'Dar Mattia Preti u waqt li jkunu qed jitneħħew persuna mill-Kunsill għandha tkun preżenti. |
| | | |
| **29.10** | | ***Sejħiet għall-offerti*** |
| | | |
| 29.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet lista ta' sejħiet ta' offerti li waslu biex jinħarġu.<br>Dawn huma :<br>• Supply of Printing Material |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Supply of L/heads, Complimentary slips, envelopes, business cards and Rec.books<br>• Supply of Sound System<br>• Maintenance of Access Roads, Access only and Pedestrian Streets – Patching<br><br>F'dan il-punt is-Segretarju Eekuttiv issuġġeriet li tali ħruġ ta' tenders u formolar ta' dokumenti jibdew isiru minn persuna professjonali li taħdem fuq dan il-qasam. Hi ressqet stima tax-xogħol meħtieġ - 120Euro massimu għal kull tender u x-xogħol meħtieġ jitlesta fi żmien ġimgħa.<br>Il-Kunsill qabel ma' din l-istima u qabel li tinħareġ works order. |
| ***29.11*** | | ***PARKEĠĠ WAQT IL-MONTI*** |
| | | |
| 29.11.1 | | Is-Sindku kellu laqgħa mat-tfal ta' Joe Farrugia – il-Farell, li għandhom il-ħanut Farell Bathroom Centre. Dawn qed isibu li l-Monti qed ikun ta' inkonvenjent kbir għalihom minħabba: qed jostakolalhom l-entratura tal-ħanut; nuqqas ta' beigħ waqt il-ġurnata tal-monti; ma jsibux fejn jipparkjaw il-vetturi tagħhom, bil-konsegwenza li qed jirċievu ċitazzjonijiet. Dawn qed jitolbu biex il-monti ma jibqax jintrama quddiem il-ħanut tagħhom.<br><br>Għalkemm kien hemm qbil li l-monti hu ta' inkonvenjent kemm għas-sidien tal-ħwienet u kemm għar-residenti, ma kienx hemm qbil li hi xi ħaġa faċli li ċċaqlaq lill-bejjiegħa tal-monti minn post wieħed u tpoġġiehom f'post ieħor.<br>Kien hemm qbil li tintalab laqgħa mal-Ministru Chris Cardona fir-rigward u tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex għal waqt il-ġurnata u l-ħin li jarma l-monti, l-vetturi jkunu jistgħu jipparkjaw fi Vjal il-Blue Grotto man-naħa tal-Bebbux. |
| | | |
| ***29.12*** | | ***GABBANI FESTA SANTA KATARINA VM 2017*** |
| | | |
| 29.12.1 | | Is-Segretarju Eekuttiv ressqet il-lista ta' permessi għall-gabbani waqt il-festa ta' Santa Katarina VM.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jagħtix permessi ġodda u l-Kunsill jimxi bl-istess proċedura li mexa fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu. |
| | | |
| | | |
| ***29.13.1*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 29.13.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 3** għall-ammont totali ta' **€53,085.27.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Jean Pierre Attard. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| ***29.14*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 29.14.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 23ta' Awwissu, 2017 fis-6.15 ta' filgħaxija. |
| | | |

Konfermati, illum 23 ta' Awwissu, 2017.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**